MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1295/2003

Kawza fil-lista: 30

**A mart B [B C] D
Vs
B [B C] D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fir-registru taz-zwigijiet, fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta fis-26 ta' Jannar 2002, kif jirrizulta mill-unit Dokument A.

Premess illi jirrizulta li l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Premess illi li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Premess illi l-kunsens tal-attrici inkiseb bl-eskluzzjoni ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Premess illi ghalkemm il-konvenut ma kienx interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Ighid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-
1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-kontendenti huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna, l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja li z-zwieg kuntrattat bejnha u bejn zewgha l-konvenut fis-26 ta' Jannar 2002 huwa null in bazi ghal dak li hemm kontemplat fl-Art.19[1] paragrafi [c][d][f] u [h] tal-Kap.255.

Il-Qorti ezaAt l-affidavits mressqa mill-attrici u semghet ix-xhieda; fosthom dik ta’ Vincent D, missier il-konvenut, u li l-Qorti taghti piena affidament.

Il-fatti li minnhom originaw dawn il-proceduri huma s-segwenti. Ftit taz-zmien qabel l-imsemmija data, l-attrici, mara ta’ nazzjonalita’ Marokkina u li tigi oht il-mara ta’ l-imsemmi Vincent D, giet Malta biex tghin lill ohtha li kienet gravida, u bdiet tghix fl-istess dar ta’ ohtha, li fiha kien jghix ukoll il-konvenut. Wara ftit xhur li dawna saru jafu lil xulxin, l-attrici u l-konvenut izzewgu, izda l-hajja matrimonjali bejniethom damet biss circa sitt xhur, ghax il-konvenut rega’ beda jghix il-hajja ta’ qabel u cioe’ beda jergha’ jabbuza minn hard drugs, u ttraskura kompletament id-dmirijiet matrimonjali tieghu, bir-rizultat li z-zwieg bejniethom sfaxxa b’ mod radikali.

Ir-retro xena hija s-segwenti. Illi l-konvenut kellu l-vizzju, jew ahjar, il-problema tad-droga, u kif jghid missieru, kien jiehu kwalunkwe tip ta’ droga. Sussegwentement kien ghamel programm ta’ rijabilitazzjoni mid-droga u hekk kif spicca dan il-programm intaqa’ ma’ l-attrici li ma kienet taf b’ xejn bil-problema li kellha. Hija ma kienitx taf li l-konvenut kellu din il-problema, u kemm ohtha u kemm missieru hbewlha dan il-fatt bit-tama li l-konvenut jaqbad maghha u jizzewwigha u jrabbi l-ghaqal, stante li l-attrici kienet mara serja u bil-ghaqal. Ghalhekk l-attrici dahlet fiz-zwieg mal-konvenut minghajr ma kienet taf li dana kien ibati minn dik il-problema.

Kif fuq premess, wara circa sitt xhur zwieg, il-konvenut rega’ waqa’ ghall-vizzju u rega’ beda jabbuza mill-eroina, bir-rizultat li abbanduna d-dmirijiet li l-hajja konjugali kienet timporta. Dan gie konfermat kemm minn missieru, kif ukoll mill-attrici. Huwa kien jallontana ruhu mid-dar ghal granet shah, ifittex il-kumpanija ta’ hbiebu u jabbuza mid-droga. L-attrici tghid li l-konvenut qatt ma hadem, la qabel u lanqas wara z-zwieg, u ghalhekk kienu jmantnuha ohtha u zewgha. Tfal ma kellhomx ghax skond l-attirici l-konvenut ma riedx tfal. Sussegwentement din il-hajja wasslet lill-konvenut sabiex jitressaq il-Qorti fuq akkuzi kriAli, u spicca fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Illi t-tesi principali ta’ l-attrici hija fis-sens li z-zwieg taghha huwa null, peress li hija kienet giet ingannata, kemm mill-konvenut kif ukoll minn missieru u minn ohtha, meta dawna hbewla l-problema kbira li kien isofri minnha l-konvenut qabel iz-zwieg, u li regghet fegget fitt xhur wara z-zwieg b’ konsegwenzi dizastrusi ghall-hajja taghha. Fi kliemha: “Li kieku kont naf b’ din il-problema lanqas kont nohlom li nizzewgu lil B.”[1]

Mill-kwadru premess, il-Qorti tirravviza l-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafi [c], [d] u [h]. Gie ritenut fil-kawza *App.C.Joseph Zammit vs Bernardette Zammit [27.01.2006]* li biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-para.[c] iridu jikkonkorru erba affarijiet: [1] il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti; [2] li l-qerq tkun incida fuq il-kunsens tal-partijiet; [3] li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u [4] li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Il-qerq ravvizat fl-art.19[1][c] jindici direttament fuq l-intellet ta’ xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg, u ndirettament fuq il-volonta’ tal-persuna ngannata. Ghalhekk f’ din id-disposizzjoni dak li jintlaqat direttament mhux biss il-kunsens izda l-intellett. *“Il dolo causa direttament errore nell’ intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella “ex” vogliamo significare l’immediate causalita’ dell’ errore sul consenso. L’atto di consentire pero’ e’ atto dentittivamente di volonta’, [Castano – Il Sacremento del Matrimonio].* Dan il-qerq jista’ jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *“In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe’ che il consenso matrimoniale provenga dall’errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso.”*

Fil-kaz in disaA jirrizulta b’ mod lampanti l-qerq prattikat fuq l-attrici, kemm mill-konvenut, kif ukoll minn missieru, meta dawna volontarjmanet u strategikament zammew

[1] Fol.14 tergo.

mistqur il-problema li kellu l-konvenut u li kienet certament ta' l-entita' li setghet twassal, kif fil-fatt wasslet, ghat-tifrik tal-hajja matrimonjali wara ftit xhur ta' zwieg. Fi kliem iehor l-attrici giet ingannata dwar kwalita' li kellu l-konvenut u li kienet ghadha tezisti fil-mument tal-ghoti tal-kunsens. Hija opportuna l-osservazzjoni li meta l-ligi titkellem "dwar "xi kwalita" tal-persuna l-ohra wiehed jifhem dawk il-kwalitajiet li jikkaratterizzaw fost aspetti ohra l-personalita' tal-konjugi l-iehor *[PA Marica D' Amato vs Philip D' Amato].*

Illi kawzali ohra li tirrizulta sostnuta mill-provi hija dik bazata fuq il-paragrafu [d] tal-Artikolu precitat u precisament fuq l-ewwel parti tieghu fejn hemm kontemplat l-vizzju tal-kunsens bazat fuq difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha. F' dan ir-rigward jinsab ritenut fil-kawza *"App.C. Joseph Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, <u>fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens</u>, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "<u>gravi</u>", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg</u>; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.

Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm <u>l-inkapacita'</u> psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali"

Fil-kaz in disaA, tenut kont tal-fatti kif irrizultaw, din il-Qorti hija tal-fehma li din il-kawzali tirrizulta provata fil-konfront tal-konvenut. Mill-mod kif il-konvenut gab ruhu ftit xhur wara li kien kkuntratta z-zwieg mal-attrici, u tenut kont tal-problema li kellu u li kien ilu ibaghti minnha qabel iz-zwieg, u li sahansitra kompliet anke wara z-zwieg, il-Qorti hija konvinta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens tieghu l-konvenut kellu dik l-inkapacita' psikika li jaghraf u

japprezza b' sens ta' ekwilibriju d-dmirijiet li l-hajja matrimonjali timporta. Jidher car li dan ma gharafx dawn id-dmirijet, u jirrizulta wkoll li lanqas kellu dik il-kapacita' u sahha volitiva sabiex jesegwixxi dawn l-obbligi tieghu. Dan huwa evidenzjat mill-fatt li l-konvenut ma felahx idum izjed minn sitt xhur f' dik il-hajja, u rega' waqa' fl-abbuz bil-konsum tad-droga.

Dawn il-konsiderazzjonijiet jissotnu wkoll il-kawzali bazata fuq il-paragrafu [h] tal-imsemmi Artikolu, stante li jirrizulta car li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens fil-konvenut kienu mankanti s-setghat intelletwali u r-rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehma li z-zwieg in disA ghandhu jitqies bhala null stante li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat bil-qerq prattikat fuqha fit-termini tal-paragrafu [c], kif ukoll stante li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [c] tal-Art.19[1]. Ghaldaqstant it-talba attrici hija gusitfikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Jannar 2002. L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------